**MINUTI** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**

**Laqgħa Numru 45**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 30 ta' Ġunju 2022, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' video conferencing.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier *(online)*
George Muscat – Kunsillier *(online)*
Abigail Sammut – Kunsillier *(online)*

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Martina Grech – Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Minuti**

**45.1 Approvazzjoni Minuti Nru 45**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 44, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall- approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 44 ġew approvati b'mod unanimu.

**45.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**45.2.1** **Is-Sindku Josef Masini Vento** qal li l-festa ta' San Ġorġ għaddiet b'wiċċ il-ġid. Is-Sindku nfurma li din is-sena l-Kunsill intensifika s-servizzi ta' tindif matul il-ġimgħa tal-festa, fejn jidher li anke r-residenti kienu sodisfatti bis-servizz li ngħata kemm matul il-ġimgħa tal-festa, kif ukoll wara.

**45.2.2** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-istess servizzi se jkunu qed jingħataw matul il-ġimgħa tal-festa San Sebastjan, fejn se jerġa' jinġabar l-iskart kollu matul il-ġimgħa kollha tal-festa, se jsiru mobile toilets fil-hotspot zones u se jsir il-ħasil meħtieġ, kemm matul il-ġimgħa tal-festa, kif ukoll wara.

**45.2.3** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li kien qed jiġi ppjanat li jiġi organizzat End of Summer Concert f'Settembru, iżda minħabba li ż-żmien daħal sew, dan mhux se jkun possibli li jsir. Għaldaqstant qed jiġi ppjanat li tiġi organizzata attivita' fis-16 t'Ottubru.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento spjega li qed jiġi ppjanat li din l-attivita' tkun attivita' soċjo-kulturali fejn dawk li jattendu għaliha jduru madwar il-lokalita' permezz ta' choo-choo train u jaraw postijiet ta' nteress. Qed jiġi ppjanat li jsiru re-enactments żgħar sabiex ifakkru ġrajjiet storiċi.

Is-Sindku nfurma li din l-attivita' se tinvolvi lill-għaqdiet lokali, li se jkunu qed jagħtu servizz lill-Kunsill. Għaldaqstant talab l-approvazzjoni tal-membri sabiex jiġi budgeted l-ammont ta' € 5,000 sabiex ikun possibli li tinżamm din l-attivita'.

Il-Kunsill approva nem.com

**45.2.4** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona wkoll li sal-aħħar tas-sena jsiru dawn l-attivitajiet ;

8 ta' Settembru - Inawgurazzjoni tar-Restawr ta' San Ġużepp u Quddiesa fi Triq il-Vitorja

16 t'Ottubru – Heritage trail bic-choo-choo train

1/2/3 ta' Novembru – Tqegħid ta' Kuruni fuq il-monument Vittmi tan-Nar

11 ta' Novembru – San Martin

Milied 2022

Il-Kunsill approva dawn l-attivitajiet nem.com

**45.2.5** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill kien talab disinni ġodda għar-rinnovar ta' Ġnien iż-Żgħożija, iżda ppropona li jinqala l-playing equipment, tiġi rranġatha l-art, tingħata tibdija u ma jsir xejn aktar f'dan l-istadju.

Il-Kunsill approva nem.com

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona li jsiru 2 fanali ornamentali fi Triq Santa Katerina, wara l-Kappella tal-Qrejqċa. Dan sabiex ikompli jikkumplimenta z-zona antika tal-lokalita'.

Il-Kunsill approva nem.com

**45.2.6** Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa x'se jkun qed jiġri dwar it-twessigħ tal-bankina fi Triq San Sebastjan. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li se tkun qed titressaq talba quddiem Transport Malta għall-Clearance. Malli l-Kunsill ikollu l-clearance, ikun possibli li jinbeda x-xogħol meħtieġ.

**45.2.7** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill kellu laqgħa mar-rappreżentati ta' SportMalta dwar is-sitwazzjoni mwiegħra tal-Qormi Sports Complex. Is-Sindku nfurma li SportsMalta hija konxja tas-sitwazzjoni u qed tiġbor kwotazzjonijiet sabiex ikun possibli li ssir il-manutenzjoni ferm meħtieġa. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill qabel li jinstalla u jimmaniġġja s-sistema ta' CCTV fl-istess Sports Complex.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ġibed l-attenzjoni li kien hemm min ħaseb li l-Kunsill talab jew se jitlob devoluzzjoni tal-art ta' wara l-klabb tal-boċċi ta' San Bastjan. Is-Sindku għamilha ċara li din l-art ġiet devoluta lill-FKNK u l-Kunsill m'għandu l-ebda nteress jieħu din l-art. Is-Sindku nfurma li t-talba għad-devoluzzjoni mill-Kunsill kienet saret għall-iSports Complex BISS.

**42.2.8** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento semma' d-diffikultajiet li sab ma wiċċu l-Kunsill bit-talbiet għad-devoluzzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li minkejja li l-Kunsill talab id-devoluzzjoni tal-art fi Triq is-Sienja, l-Kunsill baqa' mingħajr risposta. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li hemm diffikultajiet ukoll bid-devoluzzjoni ta' Ġnien De la Cruz u Ġnien l-Armier. Dan

kollu qed joħloq diffikultajiet lill-Kunsill milli jwettaq proġetti b'risq il-familji Qriema. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li bħalissa qed jinħadmu l-istimi għal dawn il-proġetti, u nittamaw li sal-laqgħa li jmiss ikunu preżentati lill-membri għad-diskussjoni.

Il-Viċi Sindku Donnha Barbara staqsiet hux possibli li ssir laqgħa mar-rappreżentanti tad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex naraw x'diffikultajiet hemm.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li s-Segretarju Eżekuttiv tinsab għaddejja b'korrispondenza dwar dawn is-siti.

**45.3 Skeda ta' Ħlasijiet**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ġunju 2021.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekondat.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' Ħlasijiet.

**45.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-7.45p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta**, 26 ta' Lulju fis-6.00p.m.**

Konfermati, illum 26 ta' Lulju 2022

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| ______________________ | ______________________ |
| Josef Masini Vento (Dr<br>Sindku | Karen Camilleri<br>Segretarju Eżekuttiv |